## PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 947/2019 MS*

**Melvin u Jennifer konjuġi Farrugia**

**Vs.**

**(1) Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol**
**(2) Id-Direttur Ġenerali responsabbli mill-Curriculum Lifelong learning and Employability**
**(3) Id-Direttorat għall-Programmi ta’ Tagħlim u Assessjar fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u Xogħol**
**(4) Is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol[1]**

Illum, 16 ta’ Ġunju 2025

Kawża Numru: 5

---

[1] B’dikriet mogħti fis-27 ta’ Jannar 2021 (fol.104), il-Qorti ordnat illi kull fejn hemm riferenza fil-kawża għall-«Edukazzjoni u Impjiegi» din tiġi sostitwita b’«Edukazzjoni u Xogħol», u kull fejn hemm riferenza għal «Programmi ta’ Tagħlim u Valutazzjoni», din tiġi sostitwita bi «Programmi ta’ Tagħlim u Assessjar».

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fit-8 t'Ottubru 2019, li bih wara li ġie premess dan li ġej:

> ILLI l-atturi konjuġi Farrugia huma ġenituri ta' żewġ ulied, waħda ta' għaxar (10) snin li kienet issegwi l-edukazzjoni tagħha fi skola primarja tal-iStat fil-livell ta' Year 6;
>
> ILLI filwaqt li l-imsemmija atturi għandhom kull tifħir għall-edukazzjoni ta' binthom minn għalliema dedikati u professjonali fi skola mmexxija minn kap u assistenti kapijiet serji, huma mħasbin ferm dwar dak li binthom kienet qedha tiġi mgħallma fil-lezzjonijiet tal-Personal, Social and Career Development (PSCD) permezz ta' *Workbook* intitolat bil-lingwa Maltija, "*Il-Vjaġġ ikompli wara t-Tfulija*" u bil-lingwa Ingliża "*The Voyage continues after Childhood*" liema publikazzjonijiet huma ppubblikati mid-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar fi ħdan id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u Xogħol;
>
> ILLI l-atturi jemmnu li l-*workbook de quo* huwa prinċipalment intiż – u hija ħaġa tajba – biex jeduka lill-istudenti dwar certu fatti tal-ħajja li tfal ser jgħaddu minnhom fil-puberta' meta jibdew it-triq tal-iżvilupp fiżiku, psikoloġiku u sesswali biex isiru rġiel u nisa inkluż biex ikunu konxji ta' u *dunque* jevitaw tentazzjonijiet u abbużi sesswali;
>
> ILLI l-atturi jsostnu pero' li certu aspetti tal-*workbook de quo* mhux adattati għal tfal ta' għaxar (10) snin għaliex fl-opinjoni umli tagħhom bħala ġenituri, ma jaħsbux, per eżempju li t-tfal ta' dik l-eta' għandhom jiġu esposti għal spjegazzjoni ta' x'inhija "*wet dream*" tas-subien (paġna 24 tal-*workbooks)* jew dwar orjentazzjoni sesswali bħala ġibda lejn persuni *"tal-istess sess jew ta' sess oppost"* (paġna 23 tal-*workbooks*);
>
> ILLI l-atturi jħossu li min ħejja l-kitba tal-*workbook* – li huwa wieħed minn tlett (3) publikazzjonijiet, kull wieħed użat għal kull sena ta' Year 4, Year 5 u Year 6 – filwaqt li l-intenzjoni tiegħu kienet li jeduka lill-istudenti dwar il-fatti tal-ħajja lejn l-iżvillup fiżiku, psikoloġiku u sesswali tagħhom, jidher li juri nuqqas ta' sensittivita' sa fejn l-istudenti ta' dik l-eta' zgħira għandhom ikunu edukati u dwar xhix, li huwa nuqqas kundannabbli;
>
> ILLI l-atturi jemmnu li tali materja għandha tkun mgħallma lil-istudenti imma żgur meta jkunu ta' eta' akbar u dunque maturi biżżejjed biex jifhmu nkluż l-implikazzjonijiet tas-

suġġett fuq meta jkunu adoloxxenti u mhux fil-year 6 fl-eta' ta' għaxar (10) snin fil-livell primarju;

ILLI *di piu',* l-atturi joġġezzjonaw għall-fatt li l-*workbook* jagħti eżempju għal min jibgħat ritratti indicenti permezz tal-*mobile* lil ħaddieħor (paġna 20 tal-*workbook*) aġir kundanabbli mhux biss għaliex ħażin iżda ukoll għaliex huwa ikkunsidrat bħala reat kriminali li jista' jwassal għal multi kbar u/jew ħabs f'każ ta' ħtija ... u l-atturi jemmnu li tali eżempju jista' jwassal għal tfal li jitħajjru jagħmlu hekk mingħajr ma jkunu konxji li qed jikkomettu reat kriminali;

ILLI l-atturi jispjegaw li l-*workbook* jippromovi lill-istudenti ta' għaxar (10) snin f'Year 6 b'mod sottili kif ukoll b'mod dirett, l-attrazzjoni sesswali dwar persuni tal-istess sess, ħaġa li l-Protestanti jemmnu bis-sħiħ li tista' twassal għal konfużjoni f'moħħ l-istudenti ta' dik l-eta' li m'għandhomx ikunu esposti għal tali materja jekk mhux meta jkunu adoloxxenti u maturi biżżejjed biex jifhmu l-implikazzjonijiet li jista' jkollhom fuq ħajjiethom ... li tirrispetta l-orjentazzjoni sesswali ta' dak li jkun bid-drittijiet kollha kontemplat fil-liġi tal-pajjiż hija ħaġa, iżda li tesponi lill-istudenti tal-eta' tenera ta' għaxar (10) snin għal tali materja, hija konpletament ħaġa oħra, mhux aċċettabbli għall-atturi ġenituri;

ILLI l-atturi jsostnu li bħala ġenituri għandhom kull dritt li jaraw x'edukazzjoni qed jingħataw uliedhom, u li tali edukazzjoni tkun taqbel mat-twemmin u l-konvinzjonjiet morali tagħhom;

ILLI l-Att dwar l-Edukazzjoni tal-1988 li jipprovdi għal *National Minimum Curriculum*, inkluż fis-suġġett tal-PSCD mingħajr wisq dettal x'għandu jiġi mgħallem, Artikolu 6 jispjega li "*Huwa dritt ta' kull ġenitur ta' minuri li jagħti d-deċiżjoni tiegħu rigward kull materja li tolqot l-edukazzjoni li għandu jirċievi l-minuri"* u *di piu'*, Artikolu 55 tal-imsemmi Att jeżiġi li l-ġenituri huma parteċipi u kollaboraturi attivi fl-edukazzjoni ta' uliedhom fl-iskejjel;

Illi l-atturi jsostnu li dak kontemplat fl-Att Dwar l-Edukazzjoni tal-1988 jirrifletti dak kontemplat f'Protocol 1, Artiklu 2 tal-"*European Conventions for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms*" hekk kif emendat b'Protocol 11 u 14 tal-4 ta' Novembru , 1950 li jgħid "*In the exercise of any functions which it assumes in relation to education and to teaching, the State shall respect the right of parents to ensure such education and teaching in conformity with their own religious and philosophical convictions.";*

ILLI *di piu',* l-istess kriterji tal-Konvenzjoni Ewropeja fuq citata, jinsabu f'ħames (5) Trattati Internazzjonali li Malta hija firmatarja tagħhom, u cioe' (1) il-*"Convention against Discrimination in Education"* tal-UNESCO, (2) l-"*International Convenant on Economic, Cultural and Social*

*Rights"* tal-*United Nations,* (3) l-"*Universal Declaration of Human Rights'* tal-*United Nations*, (4) l-*International Convenant Civil and Political Rights'* tal-*United Nations* u (5) l-"*Convention on the Rights of the Child"* ukoll tal-*United Nations;*

ILLI addirittura, il-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem saħqet f'diversi sentenzi li l-Istat għandu jirrispetta t-twemin u l-konvinzjoni tal-ġenituri fl-edukazzjoni ta' uliedhom u bħala eżempju, l-atturi jsemmu s-sentenza mgħotija fl-ismijiet *"Chassagnus and Others vs France"* fejn kien deċiż illi *"it is in the discharge of a natural duty towards their children – that parents may require the State to respect their religious and philosophical convictions. Their right thus corresponds to a responsibility closely linked to the enjoyment and the exercise of the right to education.",* obbligu li għandu jkun adottat mingħajr ebda riżerva mill-atturi li huma unikament responsabbli mis-sistema edukattiva tal-ulied.

ILLI l-atturi nfurmati li f'ittra datata 17 ta' April, 2018 (Ref: DLAP 102/2018) maħruġa mid-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Valutazzjoni fi ħdan id-Dipartment għall-Kurrikulu, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjiegabilita' fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi, indirizzata lil Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-iStat, taħt is-suġġett *"Delivery of PSCD Workbook about Sexuality and Relationships Education",* filwaqt li ġie kkommunikat li kienu ġew ppubblikati tlett (3) *workbooks* inkluż dak intitolat "*Il-Vjaġġ ikompli wara t-Tfulija/ The Voyage continues after Childhood",* biex jintużaw mill-għalliema tal-PSCD, hemm avżat li l-Kapijiet tal-Iskejjel "*are kindly asked to forward these workbooks directly to the peripatetic teachers of PSCD and* <u>*not*</u> (enfazi magħmul fl-ittra stess) *to class teachers due to the sensitive nature of the topics".* (vide kopja tal-imsemmija ittra annessa m'hawn) ... ħaġa li tikkonferma li l-preokkupazzjoni tal-atturi hija reali u mhux imaġġinarja u l-atturi jistaqsu għaliex il-*workbooks* ma kellhomx ikunu magħrufa lill-għalliema kollha tal-iskejjel iżda <u>biss</u> lill-għalliema tal-PSCD?;

ILLI tali obbligu kien ukoll ikkonfermat b'mod determinanti mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza mgħotija fil-kawża '*Kjellsen, Busk Madsen and Padersen vs Demark'* li tisħaq illi "*on the other hand that the State, in fulfilling the functions assumed by it in regard to education and teaching, must take care that information or knowledge included in the curriculum is conveyed in an objective, critcial and pluralistc manner. The State is forbidden to pursue an aim of indoctrination that might be considered as not respecting parents' religious and philosophical convictions. That is the limit that must not be exceeded."*

ILLI aktar minn hekk, l-atturi jispjegaw ukoll li l-*workbook* li jitgħallmu fuqu l-istudenti ma setax jinħareġ mill-iskola,

iġifieri l-istudenti kienu miżmuma milli jieħdu l-*workbook* magħhom id-dar biex juru x'kienu qed jitgħallmu fil-lezzjonijiet tal-PSCD lill-ġenituri tagħhom u l-atturi jistaqsu għaliex il-*workbook* inżamm hekk mistur mill-ġenituri meta huwa dritt tal-ġenituri li jkunu jafu x'inhuma jitgħallmu uliedhom fl-iskola?

ILLI fl-isfond taċ-ċirkostanzi prevalenti altru milli l-atturi bħala ġenituri għandhom ikunu preokkupati għall-binthom u jemmnu li tali preokkupazzjoni serja hija ukoll ta' interess dirett għall-ġenituri kollha li uliedhom qed jiġu edukati fis-suġġett tal-PSCD fl-iskejjel tagħna, u dan għall-ġid ta' uliedhom.

l-atturi ipproċedew biex jitolbu lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi, bħala ġenituri, għandhom dritt li jipparteċipaw f'kull deċiżjoni rigward kull materja li tolqot l-edukazzjoni li jircievu uliedhom kif jikkontemplaw Artikolu 6 u 55 tal-Att dwar l-Edukazzjoni tal-1988;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi, bħala ġenituri, għandhom dritt li jipparteċipaw f'kull deċiżjoni rigward is-suġġett tal-Personal, Social and Career Development (PSCD) mgħallem lill-uliedhom fl-iskejjel;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi, bħala ġenituri, għandhom dritt li jgħarblu kull ktieb ipprovdut mill-konvenuti jew min minnhom fl-iskejjel, li jintuża' għall-edukazzjoni tal-PSCD li jirċievu l-ulied;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi, bħala ġenituri, għandhom dritt li joġġezzjonaw għall-użu ta' kull ktieb jew partijiet minnu, li jmur lil 'l hinn mill-principji mħaddna mill-atturi, u pprovdut mill-konvenuti jew min minnhom fl-iskejjel għall-edukazzjoni tal-PSCD li jirċievu l-ulied;

5. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-atturi, bħala ġenituri, għandhom dritt li jitolbu lill-konvenuti jew min minnhom, biex uliedhom ma jkunux mgħallma s-suġġett tal-PSCD fl-iskejjel matul il-proċess tal-edukazzjoni tagħhom fuq kull ktieb hekk ipprovdut li l-atturi jkollhom oġġezzjoni fuqu jew partijiet minnu, li jmur lil 'l hinn mill-prinċipji minnhom imħaddna;

6. Tiddikjara u tiddeciedi li l-atturi, bhala genituri, ghandhom kull dritt li jitolbu lill-konvenuti jew min minnhom, biex il-*workbook* li jintuza' ghat-taghlim tal-PSCD ikun rivedut b'tali mod biex ma joffendix il-principji morali u filosofici mhaddna mill-atturi;

7. Tordna lill-konvenuti li huma responsabbli mill-edukazzjoni tal-PSCD sabiex fi żmien immedjat, jonoraw u jsegwu dak iddikjarata u deċiż minn din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tal-edukazzjoni tas-suġġett tal-PSCD.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, inkluż tal-Protest Ġudizzjarju ntavolat fl-14 ta' Ġunju, 2019 kontra l-istess konvenuti, li minn issa nġunti għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata li ġiet preżentata mill-konvenuti fl-1 ta' Novembru 2019[2], li biha huma eċċepew dan li ġej:

**<u>Eċċezzjonijiet preliminari</u>**

1. Illi l-esponenti Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impiegi, id-Direttur Generali responsabbli mill-Curriculum Lifelong learning and Employability u d-Direttorat ghall-programmi ta' taghlim u Valutazzjoni fi hdan id-dipartiment tal-Edukazzjoni, jecepixxu illi huma m'humiex il-legittimi kontradditturi ghal pretensjonijiet vantati mill-protestant u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponenti jecepixxu l-improponibilita' tal-azzjoni odjerna *stante* illi l-attur ma indikawx fuq in-natura tal-azzjoni li qeghdin jmexxu. Konsegwentament l-esponenti jirrizervaw li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri gialadarba l-atturi jiddeciedu jikkjarifikaw fuq liema bazi legali qieghdin jressqu l-azzjoni odjerna;

**<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>**

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

4. Illi *dato ma non concesso* li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jiġux akkolti, fir-rigward tal-mertu l-esponenti jeċepixxu fl-ewwel lok illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mill-atturi qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;

5. Illi l-esponenti jirrilevaw illi ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 327 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Istat ikollu d-dritt li jistabbilixxi Qafas ta' Kurrikulu Nazzjonali ta' studju għall-iskejjel kollha u dan jinkludi wkoll il-Qafas ta' kurrikulu li jirrigwarda il-PSCD;

6. Illi d-dritt sancit fl-artikolu 6 tal-Kapitolu 327 tal-Ligijiet ta' Malta huwa limitat mid-drittijiet tal-istat li zzomm ***<u>a wide</u>***

[2] Fol.74.

***margin of appreciation*** permezz tas-succitat artikolu 7 tal-Kapitolu 327 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fil-fatt tali limitazzjoni huwa in linea ma dak illi jistipula l-artikolu 2 tal-*Protocol* Numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea kif interpretata mill-***Qorti Ewropea fi Strasbourg fejn l-istess Qorti b'mod konsistenti kkunsidratt illi "the setting and planning of the curriculum fall in principle within the competence of the Contracting States" (Valsamis v. Greece – applikazzjoni numru 21787/93 deciza fit-18 ta' Dicembru 1996);***

7. Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-atturi qeghdin jimmeskolaw giurisprudenza Ewropea fir-rigward ta' decizjonijiet li jolqtu religjon mal-ilment odjern li jolqot tghalim fis-sfera ta' ***life skills***;

8. Illi l-*workbooks* in kwistjoni gew miktuba minn persuni kwalifikati u esperjenzati fis-settur edukattiv u socjali wara li ssir procedura ta' konsultazzjoni ma *peripatetic teachers* mistharrga fis-sugett tal-PSCD kif wkoll abbazi ta' ricerka sostantiva fis-settur ma Korpi Internazzjonali;

9. Illi l-*workbooks* imsemmija fil-rikors guramentat in risposta inghataw lill-*peripatetic teachers of PSCD stante* illi tali ghalliema huma imharga sabiex jghalmu l-kontenut tal-istess kotba abbazi tat-tahrig specjalizzat taghhom. Ghalliema fis-skola primarja jghalmu s-suggetti kollha tas-sillabu barra dak tal-PSCD *stante* illi dan huwa suggett aktar sensittiv u li jigi mghallem minn ghalliema mharga apposta f'dan il-qasam. Illi lanqas huwa minnu illi l-*workbooks* inzammu milli jinhargu mill-iskola. Tant m'huwiex minnu illi kopja elettronika tal-*workbooks* tinstab *online* u facilment tista' tigi akkwistata minn kwalunkwe persuna. Illi b'zieda ma dan il-*workbook* in kwistjoni kien diga jigi mghallem fis-sena skolastika 2017-2018 u tali *workbook* kien jinghata lis-studenti (u konsegwentament jasal ghand il-genituri) fl-ahhar tas-sena skolastika;

10. Illi c-cirkolari tas-17 ta' April 2019 (Dok 'C') kienet accessibbli ghal pubbliku fuq il-*website* tal-Kurrikulu minghajr ebda rizerva[3];

11. Illi qabel ma jigi mghallem suggett l-genituri jigu mistiedna sabiex jattendu laqgha mas-settur edukattiv. Illi fil-fatt fis-sena skolastika 2018/2019 hekk gara, fejn ir-rikorrenti gew mistiedna permezz ta' nota (hawn annessa u mmarkata bhala Dok '**MEDE 1')** sabiex jattendu laqgha fil-Kullegg San Injazju Skola Primarja Siggiewi mal-ghalliema tal-PSCD flimkien ma genituri ohra imma madanakollu r-rikorrenti naqsu minn jeddhom milli jattendu;

[3]https://curriculum.gov.mt/en/Resources/DLAP_Circulars/Documents/DLAP%20Circulars%202018/DLAP%20102%20-%20Delivery%20of%20PSCD%20Workbooks%20about%20Sexuality%20and%20Relationships%20Education.pdf

12. Illi l-Malta Union of Teachers (MUT) ma kellhom ebda rizerva u/jew oggezzjoni fir-rigward tal-kontenut tal-imsemmi *workbook* u dan gie kkomunikat permezz ta' stqarrija tal-istess ghaqda fit-13 ta' Mejju 2019 (kopja tas-stqarrija hawn annessa u mmarkata bhala Dok **'MEDE 2'**);

13. Illi huwa d-dmir tal-istat illi jghallem suggetti ta' natura sensittiva sabiex jeduka t-tfal fi skejjel Maltin in sintonia ma dak illi jistipula s-sillabu nazzjonali fil-qasam edukattiv;

14. Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet atturi huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

15. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi.

3. Rat ix-xiehda u d-dokumenti miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

4. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub li ġew preżentati;

5. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

6. Illi din hija kawża li permezz tagħha l-atturi jridu lill-Qorti ssib li huma, bħala ġenituri ta' minuri, għandhom il-jedd li jipparteċipaw fil-formazzjoni edukattiva ta' binthom billi joġġezzjonaw għall-kontenut speċifiku ta' kurrikulum jew ta' materjal edukattiv, u dan minħabba li dak il-kontenut jew materjal imur kontra il-morali u l-filosofija tagħhom.

7. Dawk il-fatti li l-Qorti tqis rilevanti għal dan il-każ jistgħu jinġabru kif ġej:

   i. L-atturi huma ġenituri ta' żewġ ulied. Meta saret din il-kawża, waħda minn uliedhom kellha għaxar snin u kienet fis-sitt sena tal-livell primarju ta' edukazzjoni;
   ii. L-attriċi xehdet li lejn l-aħħar t'April tas-sena 2019, waqt li kienet qed tkellem lil bintha dwar it-tagħlim tas-suġġett tal-*Personal, Social and*

*Career Development* (minn issa 'l quddiem «PSCD»), intebħet li bintha ma kinitx komda b'dawn il-lezzjonijiet meta kien imiss li jiġi mgħallem is-suġġett tas-sesswalità. Skont ma spjegatilha bintha, l-attriċi ntebħet illi għal dawn il-lezzjonijiet kien qed jintuża ktejjeb li l-istudenti ma kienux jitħallew jieħduh id-dar. L-attriċi xehdet li dan kien insolitu, għaliex il-kotba tal-iskola l-oħrajn kienu jittieħdu d-dar mit-tfal anki sabiex jinksew, iżda dan il-ktejjeb kien jinżamm l-iskola[4].

iii. Is-suġġett tal-PSCD huwa maħsub biex ikattar l-iżvilupp tal-istudenti fuq tliet livelli, u ċjoè dak personali, soċjali u f'dak li jirrigwarda karriera[5]. L-għalliema li jgħallmu dan is-suġġett ordinarjament ikollhom kwalifiki speċifiċi dwar l-istess suġġett[6], bl-eċċezzjoni ta' *supply teachers* li jkollhom kwalifiki dwar suġġetti relatati[7], u jirċievu taħriġ supplimentari dwar dan is-suġġett[8]. Il-kontenut sostantiv ta' dan is-suġġett huwa determinat mill-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, li jiġi mfassal wara laqgħat li jinżammu mill-entitajiet responsabbli ma' partijiet interessati.

iv. Ingħad illi qabel l-istudenti tal-iżgħar etajiet – u ċjoè dawk fir-raba', fil-ħames u fis-sitt sena – jibdew jiġu mgħallma dan is-suġġett, isiru laqgħat mal-ġenituri li fihom jiġi spjegat il-kontenut tal-lezzjonijiet[9]. B'din il-laqgħa l-ġenituri jiġu nfurmati b'ittra, u jekk ma jistgħux jattendu, jistgħu jitolbu laqgħa mal-kap tal-iskola jew mal-għalliem[10]. Ma jidhirx li l-atturi kienu attendew għal din il-laqgħa meta nżammet[11].

v. Irriżulta li hemm ktieb differenti għal kull sena tal-iskola[12], bl-ewwel wieħed jintuża għar-raba' sena u l-aħħar wieħed għall-ħdax-il sena[13]. B'ċirkolari datat 17 t'April 2018[14], id-Direttorat konvenut kien avża lill-kapijiet tal-iskejjel tal-Istat dwar l-użu tal-kotba in kwistjoni, u ġew

---

[4] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi, a fol.85.
[5] Ara x-xiehda ta' Stephen Camilleri, a fol.145.
[6] Ara x-xiehda ta' Jude Zammit, a tergo ta' fol.699-700.
[7] Ara x-xiehda ta' Stephen Camilleri, a fol.145-147.
[8] Ara x-xiehda ta' Dr Joanne Farrugia, a fol.767.
[9] Ara x-xiehda ta' Stephen Camilleri, a fol.147.
[10] Ara x-xiehda ta' Stephen Camilleri, a fol.148.
[11] Ara x-xiehda ta' Stephen Camilleri, a tergo ta' fol.786.
[12] Fol.166-355.
[13] Ara x-xiehda ta' Stephen Camilleri, a fol.144.
[14] Fol.68.

mitluba li jagħtu l-istess kotba lill-għalliema tal-PSCD u mhux lill-għalliema tal-klassi, minħabba n-natura sensittiva tas-suġġetti kontenuti fihom. Wieħed mill-awturi ta' dawn il-kotba saħaq illi ġew konsultati esperti fis-saħħa tat-tfal dwar il-kontenut[15].

vi. L-atturi ħadu d-deċiżjoni li binthom, la ma kinitx komda titgħallem dan is-suġġett bil-mod kif kien qed jiġi mgħallem, għandha tkun eskluża mit-tagħlim ta' dan is-suġġett partikolari[16]. Għalhekk tkellmu mal-għalliema tal-PSCD, li tkun għalliema speċifika għal dak is-suġġett u mhux l-istess għalliem jew għalliema li tkun responsabbli mit-tagħlim tas-suġġetti l-oħra lill-istess studenti. Għalkemm l-attriċi tgħid li inizjalment din l-għalliema aċċettat li t-tifla tkun fi klassi apparti biex ma tipparteċipax fil-lezzjonijiet ta' dan is-suġġett partikolari, eżami tal-korrispondenza b'messaġġi telefoniċi eżebiti mill-atturi stess turi li qatt ma kien hemm aċċettazzjoni ċara mill-għalliema[17]. Din l-istess għalliema idderiġiet lill-atturi sabiex jiksbu awtorizzazzjoni dwar din id-deċiżjoni tagħhom[18].

vii. L-attriċi xehdet li hija marret l-iskola biex taċċerta ruħha li t-tifla tagħha ma kinitx qed tiġi mġiegħla tipparteċipa fil-lezzjoni, u dakinhar lemħet lill-viċi-kap tal-iskola u l-għalliema tal-PSCD u lit-tifla tagħha fil-klassi, u ntebħet li l-lezzjoni kienet saret. Hija tgħid li kkonfrontat lill-viċi-kap u lill-għalliema ta' dan is-suġġett, u kien f'dan il-konfront – li dwaru sar rapport lill-pulizija fil-konfront tal-attriċi – li l-attriċi eżaminat għall-ewwel darba l-ktejjeb in kwistjoni. L-attriċi tgħid li: «*Meta jien rajt it-topic u l-illustrations fuqu, iddisgustajt ruħi u spiċċajt imbarazzata b'dak li rajt u li għalkemm jien adulta u matura, ukoll insib ċertu diffikultà inwieġeb ċertu mistoqsijiet li kien hemm fil-ktejjeb, aħseb u ara kemm tfal innoċenti u ta' eta tenera kemm ser jirrispondu*»[19].

viii. L-atturi fil-fatt talbu din l-awtorizzazzjoni b'ittra elettronika tat-13 ta' Mejju 2019[20]. Il-konvenuti iżda jsostnu li l-ebda ġenitur ma jista'

---

[15] Ara x-xiehda ta' Dunstan Hamilton, a tergo ta' fol.589, kif ukoll ix-xiehda ta' Dr Joanne Farrugia, minn fol.766-768.
[16] Ara x-xiehda ta' Dunstan Hamilton, a fol.588.
[17] Fol.604-606.
[18] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attriċi, a fol.85, kif ukoll fol.606.
[19] Fol.86.
[20] Fol.607.

jiddeċiedi li uliedu ma jieħdux lezzjonijiet tal-PSCD[21], u li eżenzjoni tista' tingħata biss dwar is-suġġett tar-reliġjon[22].

ix. L-attur min-naħa tiegħu hekk fisser l-oġġezzjoni tiegħu għat-tagħlim tas-suġġett tas-sesswalità bħala parti mis-suġġett aktar mifrux tal-PSCD: «*…qegħdin naraw li t-tfal qed jiġu mbuttati wisq lejn is-sesswalità fejn is-sess donnu fl-iskejjel sar l-ikbar ħaġa importanti l-indottrinazzjoni li naċċettaw ideoloġiji, jien m'għandi problema lejn ħadd kulħadd jgħix ħajtu imma qegħdin nenfasizzaw is-sess ta' bejn l-istess sess bejn tifel u tifla li jesperimentaw iktar minn partner wieħed li qiegħda hawnhekk, tfal ta' twelve…*»[23]. L-attur kompla elabora l-oġġezzjonijiet tiegħu waqt il-kontro-eżami[24].

x. Minħabba f'hekk, l-atturi kienu ipprotestaw pubblikament u huma jgħidu li kien biss wara dan li l-ktejjeb in kwistjoni beda jintbagħat id-dar mat-tfal[25]. U peress illi l-iskola baqgħet teżiġi li t-tifla tidħol għal-lezzjonijiet tal-PSCD, l-atturi bdew ma jieħdux it-tifla l-iskola inkella jeħduha mill-iskola kmieni f'dawk il-jiem meta tkun skedata din il-lezzjoni[26].

xi. Fl-14 ta' Ġunju 2019, l-atturi ippreżentaw protest ġudizzjarju bin-numru 241/2019[27] kontra l-konvenuti li bih interpellawhom «*jikkonsidraw jirtiraw il-pubblikazzjoni fuq imsemmija b'effett immedjat biex tiġi emendata bil-korrezzjonijiet idoneji u tavżhom li qed iżżommhom responsabbli għal danni li sofrew, qed isofru u jistgħu isofru oltre li tpoġġiehom f'dolo, mora u colpa għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, f'każ li l-Protestati jibqgħu jippersistu bl-għemil tagħhom irresponsabbli mingħajr il-kunsens u għarfien sħiħ minn qabel skont il-liġi tal-Protestanti ġenituri*».

Ikkunsidrat:

[21] Ara x-xiehda ta' Stephen Caruana, a fol.158, 164. Ara wkoll ir-risposta għat-talba tal-atturi, a fol.608.
[22] Ara x-xiehda ta' Jude Zammit, a fol.700.
[23] A tergo ta' fol.601.
[24] Ara senjatament fol.620-621.
[25] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Lara Caruana, a fol.95.
[26] Ara x-xiehda tal-attur, a fol.602.
[27] Fol.111.

8. Illi huwa opportun li qabel xejn il-Qorti tqis u tiddeċiedi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti. Dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet l-atturi ma jgħidu xejn fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom.

9. L-ewwel eċċezzjoni preliminari hija fis-sens illi l-Ministru, id-Direttur Ġenerali u d-Direttorat konvenuti m'humiex leġittimi kontradittur tat-talbiet tal-atturi, u dan minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

10. Id-dispożizzjoni ċitata mill-konvenuti fl-eċċezzjoni taħt eżami tgħid hekk:

> 181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:
> Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:
> (a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;
> (b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;
> (ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.
>
> (2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.
>
> (3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta'dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat tal-Istat u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat tal-Istat. In-notifika lill-Avukat tal-Istat ssir bla ħlas lir-reġistratur.

11. Din id-dispożizzjoni ġiet introdotta bl-Att XXIV tal-1995 bil-ħsieb li tindirizza id-diversi deċiżjonijiet kunfliġġenti li kien hemm fil-ġurisprudenza dwar dak li jirrigwarda l-leġittimazzjoni passiva tal-Gvern.

12. Ftit qabel ġiet istitwita din il-kawża, ġie promulgat l-Att III tal-2019, intitolat l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika[28], li ddaħħal fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 40/2019 b'effett mill-1 ta' Marzu 2019 (ħlief għal numru żgħir ta' dispożizzjonijiet li mbagħad uħud minnhom iddaħħlu fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2019 bl-Avviż Legali 245/2019). Fost id-dispożizzjonijiet kontenuti f'dak l-Att, hemm l-artikolu 17(8) li jgħid hekk:

> Is-Segretarju Permanenti jkun ir-rappeżentant ġuridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet ġudizzjarji dwar kull ħaġa li taqa' taħt il-firxa tal-attività tal-Ministeru li għalih ikun assenjat.

13. Fil-fehma tal-Qorti, il-kwistjoni li tifforma l-meritu ta' din il-kawża, u li sejra tiġi artikolata u approfondita fil-konsiderazzjonijiet li se jsiru aktar 'il quddiem, hija waħda li taqa' definittivament taħt il-firxa tal-Ministeru responsabbli mill-edukazzjoni.

14. L-artikolu 181B(1) jgħid li: «*Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni*», u skont l-artikolu 17(8) tal-Att preċitat, l-uffiċċjal inkarigat fil-materja in kwistjoni huwa s-Segretarju Permanenti assenjat lill-Ministeru tal-Edukazzjoni, li wkoll huwa konvenut f'din il-kawża.

15. Isegwi allura li dan il-konvenut huwa l-uniku wieħed li kien meħtieġ li jiġi mħarrek, u għalhekk il-konvenuti l-oħrajn għandhom jinħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju.

Ikkunsidrat:

16. Illi bit-tieni eċċezzjoni, is-Segretarju Permanenti konvenut (minn issa msejjaħ biss bħala «il-konvenut») jgħid li l-azzjoni hija improponibbli billi l-atturi ma ndikawx in-natura tal-azzjoni tagħhom.

17. Din l-eċċezzjoni hija bla fondament.

[28] Kapitolu 595 tal-liġijiet ta' Malta.

18. Kull kawża għandha tinbeda fil-forma li hija preskritta mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn xi liġi speċjali oħra li tkun toħloq dritt t'azzjoni partikolari. B'mod ġenerali, il-kawżi quddiem il-Qrati Superjuri jinbdew b'rikors ġuramentat, li jrid isir skont il-ħtiġiet li l-liġi timponi fl-artikolu 156. L-ebda waħda minn dawk il-ħtiġiet ma trid li l-attur jindika l-bażi tal-azzjoni tiegħu.

19. Tant drabi ġie miżmum li n-natura ta' kull azzjoni ġudizzjarja ma tiġix determinata minn dak li jista' jindika l-attur, la fir-rikors ġuramentat u lanqas fil-kors tas-smigħ tal-kawża[29], iżda għandha tiġi deżunta mit-termini u mit-talbiet dedotti fiha[30].

20. Diġà ġie deċiż aktar minn darba illi mhux meħtieġ li l-attur jindika l-bażi tal-azzjoni tiegħu jew id-dispożizzjoni tal-liġi li fuqha huwa qed jappoġġja l-azzjoni tiegħu[31]. Hekk ukoll ingħad fid-deċiżjoni ***Enoch Buhagiar vs. Joseph Mallia*** (Appell Superjuri, 5 t'Ottubru 1998)[32]:

> Imkien fil-liġi mhu impost l-obbligu fuq l-attur li fiċ-ċitazzjoni jindika liema kienet il-liġi li kellha tiġi applikata għall-fatti li kienu jiffurmaw il-meritu tat-talba tiegħu.

21. Għalhekk din it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut qed tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

22. Illi issa li l-Qorti ddisponiet mill-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, sejra tqis il-meritu tal-kawża.

23. Qabel ma tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-meritu, huma opportuni l-osservazzjonijiet li ġejjin.

---

[29] ***Vincent Ciappara et vs. Nazzareno sive Reno Bartolo et***, Appell Superjuri, 15 ta' Novembru 2023.
[30] ***Giuseppe Cachia vs. Mary Deguara et***, Prim'Awla, 8 ta' Jannar 1957 - Kollezz. Vol.XLI.ii.816.
[31] ***Anthony Foca et vs. Lawrence Abela et***, Prim'Awla, 12 ta' Jannar 2024; kif ukoll ***U.C.I.M. Company Limited vs. Nathan Martin***, Prim'Awla, 17 ta' Jannar 2001.
[32] Kollezz. Vol.LXXXII.ii.718.

24. M'huwiex il-kompitu tal-Qorti li tiddeċiedi taqbilx jew le ma' xi waħda mill-partijiet dwar liema hija l-età idonja li fiha l-minuri għandhom jingħataw tagħlim dwar is-suġġett tas-sesswalità. Dik hija kwistjoni ta' opinjoni soċjali aktar milli legali, u l-Qrati mhux qegħdin hemm biex jiddeterminaw il-kurrikulu skolastiku li għandu jiġi applikat fl-iskejjel amministrati mill-Istat Malti.

25. Għalhekk il-Qorti jidhrilha li l-kontenut innifsu tal-lezzjonijiet li dwarhom oġġezzjonaw l-atturi huwa aktarx irrilevanti. Dan għaliex il-Qorti mhux sejra tiddeċiedi dwar jekk taqbilx mal-oġġezzjonijiet tal-atturi. Se tkun qed tiddeċiedi biss jekk l-atturi għandhomx il-jedd li jkollhom oġġezzjonijiet.

26. Fi kliem ieħor, il-kwistjoni li għandha tiddeċiedi dwarha din il-Qorti hija waħda u waħda biss, u ċjoè jekk l-atturi, bħala ġenituri ta' minuri, għandhomx il-jedd li jieħdu deċiżjonijiet dwar l-edukazzjoni ta' wliedhom skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tirregola dik il-materja partikolari, kif ukoll, f'każ li ssib li hemm dritt li jittieħdu dawn id-deċiżjonijiet, dwar x'hiex u f'liema ċirkostanzi dak id-dritt jista' jiġi eżerċitat. Dik hija l-materja legali li dwarha hemm tilwima bejn il-kontendenti, u li taqa' fil-mansjonijiet tal-Qorti li tiddeċiedi dwarha.

27. Biex tasal għad-deċiżjoni tagħha dwar din il-kwistjoni, kif appena artikolata, il-Qorti sejra teżamina, tqis u tiddeċiedi dwar id-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li minn żmien għal żmien jirregolaw l-edukazzjoni f'Malta. Il-Qorti mhux se tidħol fi kwistjonijiet dwar drittijiet fundamentali, minkejja kull sottomissjoni li setgħet saret mill-kontendenti fl-iskritturi rispettivi tagħhom. Kif tifhimha din il-Qorti, jekk il-liġi <u>ordinarja</u> tagħti lill-atturi d-drittijiet li huma qed jippretendu, mela żgur li ma tqumx kwistjoni ta' drittijiet fondamentali u dak li jkun fadal li jsir huwa li l-atturi jingħataw ir-rimedju sabiex il-vjolazzjoni tad-dritt ċivili u ordinarju tagħhom tiġi msaffija.

28. Jekk min-naħa l-oħra, il-liġi ordinarja ma tagħtix lill-atturi d-dritt pretiż minnhom, isegwi illi t-talbiet tagħhom f'din il-kawża ma jistgħux jiġu milqugħa. Jekk l-atturi jidhrilhom li l-liġi ordinarja, kif imfissra minn din il-Qorti, twassal għall-vjolazzjoni ta' xi dritt <u>fondamentali</u> tagħhom, huma għandhom iressqu azzjoni appożita

għalhekk, liema azzjoni ma tistax issir fil-kontradittorju uniku tal-konvenut, kif inhi din l-azzjoni. Dan billi huwa sewwa magħruf illi fejn persuna tilmenta li liġi ordinarja tilledi d-drittijiet fundamentali tagħha, il-leġittimu kontradittur ta' dak l-ilment huwa l-Avukat tal-Istat[33], li però f'din il-kawża m'huwiex parti. Għalhekk ukoll f'din il-kawża dak l-aspett mhux se jiġi mistħarreġ u jekk ikun il-każ se jitħalla kompletament impreġudikat.

29. Għalhekk din il-Qorti se teżamina biss il-liġi ordinarja u jekk id-dispożizzjonijiet tagħha jagħtux lill-atturi d-drittijiet li qed jippretendu, i.e. li jieħdu deċiżjonijiet dwar is-suġġetti li uliedhom jiġu mgħallma.

30. Fid-dikjarazzjoni tal-prinċipji li fuqha hija bbażata l-Kostituzzjoni ta' Malta, insibu l-artikoli 10 u 11 li jistabbilixxu dan li ġej:

> 10.L-edukazzjoni primarja għandha tkun obbligatorja u fl-iskejjel tal-Istat għandha tkun bla ħlas.
>
> 11.(1) L-istudenti kapaċi u meritevoli, ukoll jekk mingħajr risorsi finanzjarji, għandhom dritt li jilħqu l-ogħla gradi ta' edukazzjoni.
> (2) L-Istat għandu jagħti effett għal dan il-prinċipju permezz ta' boroż ta' studju, ta' kontribuzzjonijiet lill-familji tal-istudenti u provvedimenti oħra fuq il-bażi ta' eżamijiet kompetittivi.

31. Imbagħad l-artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili jgħabbi lill-ġenituri bir-responsabbilità li jedukaw lill-uliedhom «*skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied*».

32. Biex l-Istat jerfa' wkoll is-sehem tiegħu mir-responsabbilità għall-edukazzjoni tal-popolazzjoni, konformement mal-prinċipji kristallizzati fil-Kostituzzjoni u fuq riferiti, ġew promulgati liġijiet li jirregolaw il-mod kif l-edukazzjoni f'Malta għandha tiġi amministrata.

33. Il-liġi ordinarja li tirregola l-edukazzjoni tal-persuni f'Malta meta seħħew il-fatti li xprunaw din il-kawża kien l-Att XXIV tal-1988, kif sussegwentement emendat,

---

[33] ***Glen Bedingfield vs. Kummissarju tal-Pulizija et***, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Lulju 2000 – Kollezz. Kollezz. Vol.LXXXIV.i.232; u ***Alfred Spiteri et vs. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et***, Qorti Kostituzzjonali, 7 t'Ottubru 2013.

li kien intitolat l-Att dwar l-Edukazzjoni[34]. Id-dispożizzjonijiet tal-bidu ta' dan l-Att kienu jelenkaw l-obbligi u d-drittijiet tal-Istat u tal-ġenituri fir-rigward tal-edukazzjoni tal-ulied. Id-dispożizzjonijiet rilevanti huma dawn:

> 2. Huwa dmir tal-Istat:
>
> (a) li jmexxi 'l quddiem l-edukazzjoni u t-tagħlim;
> (b) li jiżgura li jkun hemm sistema ta' skejjel u istituzzjonijiet li jkunu miftuħa għaċ-ċittadini Maltin kollha u li jkunu jipprovdu għall-iżvilupp sħiħ tal-persuna inkluża l-ħila ta' kull persuna għax-xogħol;
> (ċ) li jipprovdi skejjel u istituzzjonijiet bħal dawn fejn ma hemmx.
>
> 3. Ikun id-dmir tal-ġenituri ta' minuri li jieħdu ħsieb li dak il-minuri:
>
> (a) jiġi reġistrat fi skola għall-ewwel sena skolastika li tibda meta jkun ta' l-età obbligatorja għall-iskola;
> (b) ikompli jattendi l-iskola sa tmiem is-sena skolastika li matulha l-minuri ma jibqax ta' l-età obbligatorja għall-iskola, jew sa tmiem dak il-perijodu itwal li jista' jiġi preskritt mill-Ministru b'regolamenti; u
> (ċ) jattendi regolarment l-iskola għal kull jum skolastiku, kemm-il darba l-minuri ma jkollux raġuni ġusta u suffiċjenti sabiex ma jattendix l-iskola.
>
> 4. Huwa dritt ta' kull ġenitur ta' minuri li jagħti d-deċiżjoni tiegħu rigward kull materja li tolqot l-edukazzjoni li għandu jirċevi l-minuri.
>
> 5. L-Istat ikollu d-dritt:
>
> (a) li jistabilixxi *curriculum* minimu nazzjonali;
> (b) li jistabilixxi l-kondizzjonijiet minimu nazzjonali għall-iskejjel kollha; u
> (ċ) li jiżgura li jiġu mħarsa il-*curriculum* minimu nazzjonali ta' studju u l-kondizzjonijiet minimi nazzjonali għall-iskejjel kollha.[35]

34. Id-dmirijiet rispettivi tal-Istat u tal-ġenituri dwar l-edukazzjoni tal-ulied huma ċari. L-Istat huwa responsabbli li jipprovdi l-istituzzjonijiet edukattivi, filwaqt li l-ġenituri għandhom jieħdu ħsieb li uliedhom jinkitbu u jattendu f'dawn l-istituzzjonijiet edukattivi.

[34] Kapitolu 327 tal-liġijiet ta' Malta.
[35] Eventwalment dawn id-dispożizzjonijiet ġew rinumerati bħala l-artikoli 4 sa 7, u l-kliem «*curriculum* minimu nazzjonali» ġew sostitwiti bil-kliem «Qafas ta' Kurrikulum Nazzjonali» bl-Att XIII tal-2006.

35. Issa l-artikolu 4 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, li mbagħad sar l-artikolu 6, jgħid b'mod ċar illi l-ġenituri għandhom id-dritt li jagħtu deċiżjoni dwar «kull materja» li tolqot l-edukazzjoni tal-minuri. Kif jgħidu l-atturi, din id-dispożizzjoni tassew li tuża kliem ċari u donnha tagħti lill-ġenitur jedd <u>assolut u inkondizzjonat</u> li jiddeċiedi dwar kull ħaġa li l-ulied għandhom jirċievu edukazzjoni dwarha. Hekk kif moqrija weħidha, din id-dispożizzjoni tissuġġerixxi li l-ġenituri għandhom il-jedd li jiddeċiedu dwar kull suġġett li l-ulied għandhom jitgħallmu dwaru. Hekk, per eżempju, ġenitur jista' jiddeċiedi li ibnu ma jitgħallimx l-ilsien Ingliż, jew inkella ma jitgħallimx il-matematika. Iżda interpretazzjoni bħal din twassal biex tistultifika l-għan innifsu tal-liġi li tipprovdi għall-edukazzjoni tal-minuri, bi preġudizzju għall-interessi ġenerali tal-komunità.

36. Fil-fehma tal-Qorti, l-artikolu 6 tal-Att dwar l-Edukazzjoni[36] ma jistax u m'għandux jinqara waħdu, iżda flimkien mad-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' dak l-Att, b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet li jagħtu lill-Istat drittijiet dwar l-edukazzjoni tal-minuri. Għaliex, kif rajna, il-liġi ordinarja tagħti mhux biss dmirijiet lill-Istat, iżda wkoll drittijiet f'dan il-qasam partikolari, u huwa loġiku li d-drittijiet tal-ġenituri jridu jinftehmu b'mod li huwa konċiljabbli mad-drittijiet tal-Istat[37]. F'dak is-sens kien fisser ruħu ***Ricci***: «…*l'interprete deve fermare la sua attenzione sui precedenti della legge e specialmente sul complesso delle sue disposizioni intese a regolare una data materia, essendo che il concetto del legislatore tanto più con sicurezza si afferra, quanto maggiormente esso concilia e pone d'accordo le diverse disposizioni della legge*»[38].

37. Issa d-dritt ewlieni tal-Istat fir-rigward tal-għoti tal-edukazzjoni huwa dak li jfassal u jwettaq Qafas ta' Kurrikulum Nazzjonali. Dan huwa mfisser fl-artikolu 47 ta' dan l-Att, li kien jgħid hekk:

> 47.(1) Bla ħsara għad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2), ikun id-dover tal-Ministru li, wara li jirċievi l-proposti u l-

[36] Kapitolu 327 tal-liġijiet ta' Malta.
[37] ***Assoċjazzjoni Protezzjoni Ċivili vs. Ministru għall-Edukazzjoni, Żagħżagħ u Xogħol et***, Appell Superjuri, 24 ta' Frar 2012; kif ukoll ***Emmanuele Micallef vs. Vincent Scerri***, Appell Superjuri, 15 ta' Mejju 1953 – Kollezz. Vol.XXXVII.i.176.
[38] Corso Teorico Pratico di Diritto Civile (Torino, 1886), Vol.I, Parte I, §13.

pariri tal-entitajiet mwaqqfa b'dan l-Att, u wara konsultazzjoni ma' kull min għandu x'jaqsam mal-iżvilupp tal-pajjiż, jistabbilixxi l-qafas tal-kurrikulu nazzjonali għall-iskejjel sew tal-Istat sew dawk mhux tal-Istat fil-livell tal-edukazzjoni obbligatorja u jkun l-obbligu tal-iskejjel kollha li jwettqu dan il-kurrikulu skont il-potenzjal u l-ħiliet diversi tal-istudenti li jattendu fihom u skont l-etos, l-identità u l-karattru tal-iskola jew tal-Kulleġġ konċernat.

(2) Il-Ministru għandu jsegwi l-ħidma kurrikulari tad-Direttorati tal-edukazzjoni u ta' kull Kulleġġ u skola u għandu dritt jitlob kull tagħrif u rapport u li jieħu dawk il-miżuri li jirriżultaw meħtieġa biex jiżgura li t-tagħlim fl-iskejjel isegwi l-filosofija,viżjoni, strateġija, prinċipji, objettivi, standards, u marki-bażi stabbiliti mill-kurrikulu.

(3) Ikun id-dover tal-Ministru li jipprovdi għall-edukazzjoni u tagħlim tar-reliġjon kattolika fi skejjel tal-Istat u li jistabbilixxi l-kurrikulu għall-edukazzjoni u tagħlim ta' dik ir-reliġjon f'dawk l-iskejjel, skont ma jkunu ddisponew f'dan ir-rigward l-Isqfijiet Ordinarji ta' Malta.

(4) Kulleġġ jew skola jistgħu jagħmlu talba lill-Ministru biex idaħħal fil-kurrikulu ta' dak il-Kulleġġ jew skola korsijiet ta' studji b'żieda ma' dawk stabbiliti mill-Ministru u l-Ministru jista' jilqa' dik it-talba.

(5) Il-ġenituri ta' minuri għandhom id-dritt jagħżlu li l-minuri ma jirċevix tagħlim tar-reliġjon kattolika.

38. Huwa evidenti li d-dritt tal-Istat li jfassal il-kurrikulu nazzjonali jittraduċi ruħu fid-dritt illi dak il-kurrikulu jiġi mgħallem fl-iskejjel kollha. Proprju għalhekk kien jissejjaħ kurrikulu minimu, billi jiġbor fih dawk is-suġġetti li kull student huwa mistenni li jitgħallem bħala minimu fl-iskejjel. La darba l-Istat għandu għalhekk id-dritt, li huwa wkoll deskritt bħala dmir f'diversi dispożizzjonijiet oħrajn tal-Att dwar l-Edukazzjoni[39], li jfassal dan il-kurrikulu nazzjonali, isegwi li l-istess Stat għandu wkoll id-dmir, <u>u id-dritt</u>, li jeżiġi li dak il-kurrikulu jiġi mgħallem lill-istudenti kollha. Dan huwa evidenti mid-dispożizzjonijiet ċitati, kif ukoll minn dispożizzjonijiet oħrajn.

39. Issa l-ġenituri għandhom ukoll id-dmir li jħarsu li uliedhom jattendu f'dawn l-iskejjel li skont l-artikolu 47 huma obbligati li jgħallmu l-kurrikulu nazzjonali. Għall-Qorti dan ifisser li l-ġenituri, sabiex iwettqu dan id-dmir tagħhom kif imiss,

[39] Kapitolu 327 tal-liġijiet ta' Malta.

iridu mhux biss jaraw li uliedhom jattendu l-iskola, imma wkoll ma jistgħux jieħdu deċiżjonijiet li b'xi mod ifixklu dik l-attendenza milli tilħaq l-għan tagħha, u ċjoè illi twassal biex l-ulied jitgħallmu l-kurrikulu nazzjonali li huwa mfassal mill-Istat. B'konsegwenza ta' dan, il-ġenituri ma jistgħux għalhekk jagħżlu liema suġġetti jistgħu jiġu mgħallma lill-uliedhom u liema le, sa fejn dak is-suġġett huwa parti minn dak il-kurrikulu nazzjonali. L-għażla u d-deċiżjoni tista' ssir biss fir-rigward materji oħra jew suġġetti oħra, però mhux dawk li huma parti minn dak il-kurrikulu.

40. L-uniku eċċezzjoni hija kontemplata fl-artikolu 47(5) tal-Att dwar l-Edukazzjoni[40], li tapplika biss għat-tagħlim dwar ir-reliġjon Kattolika. Iżda din hija l-eċċezzjoni li twettaq prova tar-regola li l-Qorti artikolat permezz tal-paragrafi preċedenti. Li kien minnu li l-artikolu 6 ta' dak l-Att jagħti lill-ġenituri l-jedd assolut u inkondizzjonat li jiddeċiedu dwar x'jitgħallmu jew ma jitgħallmux uliedhom fl-iskejjel, ma kien ikun hemm ebda ħtieġa għal din id-dispożizzjoni, għaliex id-dritt li l-ġenituri jeskludu lill-ulied mit-tagħlim dwar ir-reliġjon Kattolika kien ikun inkorporat fl-istess dritt mogħti taħt l-artikolu 6. Iżda huwa proprju għaliex l-artikolu 6 ma jagħtix il-jeddijiet li qed jippretendu l-atturi li l-leġiżlatur introduċa l-artikolu 47(5).

41. Din il-fehma tal-Qorti issib sostenn fil-fehmiet espressi f'pubblikazzjoni speċifika dwar dan is-suġġett. Fiha ingħad hekk:

> Whilst the State investigations into the physical conditions of schools have never been seriously contested, the requirement of conforming to a minimum curriculum of studies has encountered opposition from a number of thinkers who see this as an imposition on the parents' right of imparting the type of education they would see most congenial to their beliefs. The matter is one of balance: the setting of minimum standards cannot be avoided if the State is to abide by its duty of supervision to safeguard the rights of minors and young persons. The State has of course a justified interest in seeing that its citizens are properly prepared for life within a particular community.
> …
> As the obverse and corollary of the parents' obligation to raise their children, nurture them and educate them, one

[40] Kapitolu 327 tal-liġijiet ta' Malta.

> cannot deny them the right to choose the type of education that should be given to them. This does not run counter to the State's right to impose minimum standards and minimum conditions. Though the right and duty to educate arises primarily in the parental relationship, the state's supervisory right over the parents' fulfilment of their duty authorises it to see whether the education imparted according to the parents' choice satisfies the requirements of a proper education. The State can at times enter by the parents' default, *in loco parentis*. Evidently the parents' rights and the State's supervisory rights can co-exist, even though conflict may arise[41].

42. Waqt il-kors tal-kawża, ġie promulgat l-Att XXIX tal-2019, li wkoll huwa intitolat l-Att dwar l-Edukazzjoni[42], u li ddaħħal fis-seħħ fi żminijiet differenti tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin. Għalkemm din il-liġi ma kinitx fis-seħħ meta ġiet preżentata din il-kawża, jidher li d-dispożizzjonijiet tagħha illum jirregolaw l-amministrazzjoni tal-edukazzjoni f'Malta, u għalhekk il-Qorti tħoss li huwa opportun li teżamina jekk din il-liġi l-ġdida tatx aktar jeddijiet lill-atturi milli dawn kellhom bis-saħħa tal-liġi l-antika. Dan għaliex jekk hu l-każ li l-liġi l-ġdida tathom aktar jeddijiet, l-azzjoni tagħhom tista' tiġi sostnuta bl-applikazzjoni tal-prinċipju *ius superveniens, firmat actionem et exceptionem*.

43. L-artikolu 7 tal-liġi l-ġdida jgħid:

> Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, huwa d-dritt ta' kull ġenitur ta' minuri li jiddeċiedi rigward kull materja li tikkonċerna l-edukazzjoni tal-minuri, sakemm deċiżjoni bħal din tkun fl-aħjar interessi tal-minuri bi qbil ma' artikolu 8(1).

44. Huwa evidenti mil-lokuzzjoni ta' din id-dispożizzjoni li d-dritt tal-ġenituri li jiddeċiedu dwar l-edukazzjoni ta' wliedhom, fejn taħt il-liġi l-antika kien espress b'mod assolut u inkondizzjonat (anke jekk, kif rajna, ma kienx), fil-liġi l-ġdida huwa mfisser b'mod differenti, billi huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-Att. Il-lokuzzjoni «Bla ħsara għad-dispożizzjoni ta' dan l-Att» proprju ġiet inserita sabiex tirrendi l-artikolu 7 ġerarkikament inferjuri għal kull dispożizzjoni oħra tal-Att, b'mod li fejn dak imniżżel fl-artikolu 7 jidher li jkun f'kunflitt ma' xi

---

[41] ***U. Mifsud Bonnici,*** An Introduction to the Law of Education (MUP, 2013), pġi.13-14.
[42] Kapitolu 605 tal-liġijiet ta' Malta.

dispożizzjoni oħra, tipprevali dik id-dispożizzjoni l-oħra. Barra minn hekk, id-deċiżjoni li l-ġenitur jista' jieħu hija subordinata għall-aħjar interessi tal-minuri, u l-aħjar interessi tal-minuri jridu jkunu konsistenti u konformi wkoll mal-interessi ta' studenti oħrajn, kif jgħid l-artikolu 8(1).

45. U jekk dan ma kienx biżżejjed, jidher ukoll illi id-dmirijiet imposti fuq il-ġenituri skont l-artikolu 6 tal-liġi l-ġdida jinkludu wkoll l-obbligu li jikkopera bi sħiħ mal-Kap tal-Iskola kif ukoll li jkun konformi mal-politika maħruġa mill-entitajiet kunċernati[43]. Imbagħad l-artikolu 45 jipprovdi l-għażla tal-ġenituri biss fir-rigward tat-tagħlim dwar ir-reliġjon kattolika.

46. Għalhekk taħt il-liġi l-ġdida, il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti diġà għamlet dwar il-liġi li kienet fis-seħħ fiż-żmien meta saret il-kawża jgħoddu saħansitra *a fortiori*.

47. Minn dan kollu jsegwi li l-atturi m'għandhomx il-jedd li jiddeċiedu li uliedhom ma jitgħallmux suġġett, jew xi parti minn suġġett, li jifforma parti mill-qafas ta' kurrikulu nazzjonali. U la darba l-PSCD jifforma parti minn dak il-qafas, l-azzjoni tal-atturi ma tistax tirnexxi.

48. Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u għalhekk teħles lill-konvenuti kollha ħlief lill-konvenut Segretarju Permanenti mill-osservanza tal-ġudizzju;

(ii) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Segretarju Permanenti;

(iii) tilqa' t-tielet, il-ħames u it-tlettax-il eċċezzjoni tal-konvenut Segretarju Permanenti;

(iv) tiċħad it-talbiet tal-atturi;

---

[43] Artikolu 6(f) u (g).

(v) tordna li l-atturi jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża, ħlief dawk relatati mat-tieni eċċezzjoni li għandhom jitħallsu mill-konvenut Segretarju Permanenti.

Jibqa' impreġudikat id-dritt tal-atturi li jressqu l-azzjoni opportuna jekk jidhrilhom li l-liġi ordinarja kif imfissra f'din is-sentenza tivvjola xi jedd fundamentali tagħhom.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur